



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' April 2022
(OR. en)

7772/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0101(NLE)

ECOFIN 293
CADREFIN 45
UEM 48
FIN 381

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-lżvezja

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM (2022) 152.

ANNESS

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. KOMPONENT 1: IRKUPRU EKOLOĠIKU

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Żvediż għandu l-għan li jindirizza l-isfidi għall-oġettiv tal-Iżvezja li tikseb in-newtralità tal-karbonju sal-2045. Il-miżuri fil-komponent huma mistennija li jżidu l-miżuri lokali u reġjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u ta' gassijiet oħra mit-trasport bit-triq u minn sorsi oħra li jaffettwaw il-klima; iżidu l-investimenti fit-tranżizzjoni tal-industrija mingħajr emissjonijiet netti ta' gassijiet serra; iżidu l-investment fl-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjonijiet; u jippreservaw il-bijodiversità billi tiġi protetta n-natura ta' valur.

L-ewwel nett, il-komponent għandu l-għan li jħaffef it-tranżizzjoni tas-settur tat-trasport biex dan isir mingħajr l-użu ta' fjuwils fossili billi jiżdedu l-investimenti f'soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli, bħal stazzjonijiet tal-iċċarġjar ferrovjarji, tal-elettriku u tal-bijogass, flimkien ma' pakkett ta' riformi li għandhom l-għan li jiskoraġġixxu l-użu ta' karozzi li jniġġsu. Ir-riformi huma parti minn riforma fit-taxxa ambjentali biex it-tassazzjoni tiġi ttrasferita minn fuq ix-xogħol għall-ambjent.

It-tieni, il-komponent għandu l-għan li jnaqqas il-kwantità ta' emissjonijiet relatati mal-proċess, li relattivament trid spiża biex tnaqqashom peress li t-teknoloġija mhijiex disponibbli fis-suq illum. Hemm bżonn ta' aktar riċerka, innovazzjoni, dimostrazzjoni u implimentazzjoni fuq skala akbar. Il-komponent jindirizza din l-isfida billi jżid ir-riżorsi disponibbli għall-Qabża Ekoloġika tal-Industriji, skema ta' investment li għandha l-għan li tiddekarbonizza l-industrija.

It-tielet, il-komponent għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-akkomodazzjonijiet fl-Iżvezja. Is-settur jipproduċi 11-il miljun tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fis-sena, prinċipalment mill-elettriku u għat-tiġin tal-akkomodazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, il-komponent għandu wkoll l-għan li jikkontribwixxi għall-bijodiversità billi jistabbilixxi żoni formalment protetti fil-forma ta' riżervi naturali f'habitats naturali ta' valur.

Il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, b'mod partikolari "billi jinżamm l-investment fit-trasport sostenibbli biex jiġu aġġornati modi differenti tat-trasport, b'mod partikolari l-ferroviji" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019) u "l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni [...] ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija li jkunu nodfa u effiċjenti, is-setturi innovattivi u tat-teknoloġija avvanzata, [...] u t-trasport sostenibbli" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2020) u "r-riċerka u l-innovazzjoni" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Investimenti lokali u reġjonali dwar il-klima

Il-miżura hija skema ta' investiment imsejħa l-*Qabża Klimatika*, li għandha tiffinanzja l-attivitajiet lokali u reġjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u gassijiet oħra li jaffettwaw il-klima. Il-benefiċjarji huma kemm l-entitajiet privati u kemm l-entitajiet pubbliċi, inkluż b'mod partikolari l-muniċipalitajiet, l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi, minbarra l-individwi. L-effetti mistennija huma wkoll it-tixrid ta' teknoloġiji ġodda, l-adozzjoni mis-suq tagħhom, saħħa u impjiegi aħjar, kif ukoll impatt fuq objettivi ambjentali oħra li jkun pożittiv.

Il-miżura għandha ssaħħaħ finanzjarjament skema eżistenti. L-azzjonijiet appoġġati għandhom jinkludu azzjoni klimatika konkreta f'oqsma bħat-trasport, l-industrija, l-agrikoltura u l-enerġija. Dawn ivarjaw mill-bijogass u mill-infrastruttura bħal korsiji għaċ-ċiklisti jew punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, sas-sostituzzjoni taż-żejt fit-tisħin distrettwali.

Ma hemm l-ebda pakkett predeterminat bejn it-tipi differenti ta' proġetti. Minflok, il-Qabża Klimatika għandha tipprovdi finanzjament għall-investiment bl-akbar tnaqqis possibbli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull SEK investita. L-għażla tal-proġetti għandha tirrispetta diversi kriterji. Għall-proġetti dwar il-konverżjoni tal-bijoenerġija għat-tisħin fl-industrija u l-agrikoltura, l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 80 % permezz tal-użu tal-bijomassa abbażi tal-metodu ta' kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u l-ekwivalenti fossili relattiv stabbilit fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għall-proġetti dwar il-produzzjoni tal-bijogass, l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-installazzjoni jitnaqqsu b'mill-inqas 65 % permezz tal-użu tal-bijomassa u dan ikun abbażi tal-metodu ta' kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u l-ekwivalenti fossili stabbilit fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għal proġetti dwar it-trasport (l-istazzjonijiet ta' servizz), l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għall-proġetti dwar l-iskart (ir-riċiklaġġ tal-plastik), l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun li mill-inqas 50 % tal-iskart ipproċessat u l-iskart li ma jagħmilx ħsara miġbur separatament, imkejjel skont il-piż, jiġi mibdul f'materja prima sekondarja. Għall-proġetti dwar l-effiċjenza enerġetika, l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun li jinkiseb, bħala medja, t-tnaqqis minimu ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra apparagun tal-emissjonijiet ikkalkulati minn qabel. Għall-proġetti dwar l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi u l-infrastruttura, l-oġġettiv tal-miżura għandu jkun konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). B'mod partikolari l-bijofjuwils għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29, 30 u 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII) u r-regoli dwar il-bijofjuwils bbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati adottati f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-miżura għandha tikkonforma wkoll mal-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti bid-Direttiva 2008/50/KE. L-attivitajiet taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament, bl-eċċezzjoni tas-šana mormija li tintuża għat-tisħin distrettwali. Kwalunkwe finanzjament bħal dan għas-šana mormija għandu jkollu pproġettati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra taħt il-parametru referenzjarju tas-šana stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447¹. B'mod ġenerali, l-attivitajiet li ġejjin huma esklużi mill-

¹ Meta l-attività appoġġata tilħaq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumix ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwix possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

finanzjament: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²; (ii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbljet, inċineraturi³ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁴; u (iii) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Investimenti klimatiċi fis-settur industrijali (Qabża Ekoloġika tal-Industriji)

Il-miżura hija skema ta' investiment imsejħa l-*Qabża Ekoloġika tal-Industriji*. L-għan ta' dan l-investiment għandu jkun li jipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotjiet għall-investimenti, r-riċerka, l-istudji ta' fattibbiltà, il-proġetti pilota, u l-proġetti ta' dimostrazzjoni biex l-industrija tiġi meġhuna taqleb għan-newtralità karbonika rigward il-gassijiet serra. Għandu jiffinanzja proġetti li jiżviluppaw, juru u jimplimentaw teknoloġija ġdida b'emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkunu zero, baxxi jew negattivi għal industriji b'emissjonijiet għoljin minn proċessi.

Il-miżura għandha ssaħħa skema eżistenti. Huwa għandu jestendi l-appoġġ għal proġetti industrijali li jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi, bħall-produzzjoni tal-bijofjuwils, ir-raffineriji tal-plastik riċiklat, il-produzzjoni tal-idroġenu, il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u l-produzzjoni tal-batteriji. L-appoġġ mill-iskema jista' jintuża għan-nefqa relatata ma' miżuri li jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi permanenti tal-gassijiet serra, inklużi r-riċerka, l-iżvilupp, l-ittestjar, il-proġetti ta' dimostrazzjoni u l-investiment. Mill-pakkett baġitarju totali, mill-inqas 85 fil-mija tal-fondi għandhom ikunu ddedikati għal proġetti ta' riċerka u żvilupp li jiffukaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u mhux aktar minn 15 fil-mija għandhom ikunu ddedikati għal proġetti ta' riċerka u żvilupp li jiffukaw fuq l-ekonomija ċirkolari.

L-appoġġ għandu jingħata għal azzjonijiet li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin: (1) jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra industrijali marbutin direttament jew indirettament mal-proċessi industrijali, (2) jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi permezz tal-ġbir, it-trasport u l-ħżin ġeoloġiku ta' gassijiet serra ta' oriġini bijoġenika jew dawk li tneħħew mill-atmosfera, jew (3) permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda jew soluzzjonijiet innovattivi oħra fl-industrija, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kisba tal-oġettiv ambjentali nazzjonali Żvediż "Inqas Impatt fuq il-Klima".

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). B'mod partikolari l-bijofjuwils għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29, 30 u 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII) u r-regoli dwar il-bijofjuwils bbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati adottati f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-miżura għandha tikkonforma wkoll mal-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti bid-Direttiva 2008/50/KE. L-

² Ħlief għall-proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni ta' ħajjet l-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għall-azzjonijiet taħt din il-miżura għal impjanti ta' trattament mekkaniku bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura għandhom l-għan li tizzied l-effiċjenza enerġetika jew li operazzjonijiet ta' riċiklaġġ tal-iskart separat u tal-kompost tal-bijoskart kif ukoll id-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart jkollhom modifiki retroattivi, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

attivitajiet taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għandu jkollhom l-emissjonijiet tal-gassijiet serra pproġettati li huma aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla hla⁵. B'mod ġenerali, l-attivitajiet li ġejjin huma esklużi mill-finanzjament: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁶; (ii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbljet, inċineraturi⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁸; u (iii) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-azzjonijiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) li ġejjin taħt dan l-investment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni taħt dan l-investment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari), jekk il-fokus primarju tal-azzjonijiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni taħt dan l-investment ikun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 3: Effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet

Din l-iskema ta' appoġġ pubbliku, li għandha tiġi stabbilita permezz ta' regolament propost għall-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet, għandha l-għan li tinċentiva lis-sidien tal-proprjetà biex jirrinnowaw binjiet b'aktar minn abitazzjoni waħda, li normalment ma jkunx profittabbli. L-iskema ta' appoġġ għandha tagħti appoġġ lil investimenti li jiksibu tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fid-domanda għall-enerġija primarja fil-livell tal-bini. Għandu jkollha l-għan ukoll li toħloq inċentivi għas-sidien tal-proprjetà biex jinkludu sistemi intelliġenti tal-enerġija bħala parti mill-isforz ta' rinnovazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 4: Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ

Din il-miżura għandha ttejjeb il-ferroviji fl-Iżvezja biex aktar persuni u intrapriżi jkun jistgħu jużaw il-ferroviji bħala mezz ta' trasport. It-titjib għandu jtejjeb ukoll l-kapaċità ferrovjarja. It-titjib jikkonċerna l-ferroviji bejn Gävle u Ånge (infrastruttura fejn jinġemgħu u jinqalbu l-linji l-ferroviji), bejn Västerås u Långsele (infrastruttura fejn jinġemgħu u jinqalbu l-linji l-ferroviji), il-bini mill-ġdid tal-pont li jinsab f'Vänersborg u l-investment f'passaġġ invell awtomatiku ("Alex").

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investment 5: Il-protezzjoni tan-natura prezzjuża

⁵ Meta l-attività appoġġata tilħaq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumix ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwix possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla hla għal attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁶ Ħlief għall-proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni ta' ħajjet l-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għall-azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura għandhom l-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew li operazzjonijiet ta' riċiklaġġ tal-iskart separat u tal-kompost tal-bijoskart kif ukoll id-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart jkollhom modifiki retroattivi, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Din il-miżura għandha l-għan li tipproteġi l-bijodiversità f'żoni li għandhom valur naturali għoli billi toħloq żoni ta' riżervi naturali protetti formalment. Skont il-kodiċi ambjentali Żvediż, art jew żona bl-ilma tista' tiġi ddikjarata riżerva naturali minn bord amministrattiv tal-kontea bl-għan li tiġi ppreservata d-diversità bijoloġika, jiġu protetti u ppreservati ambjenti naturali ta' valur jew tiġi ssodisfata l-hteġa ta' żoni għar-rikreazzjoni fil-beraħ. Kwalunkwe żona li hija meħtieġa bl-għan li jiġu protetti, stabbiliti jew jitreggħu għal kif kienu l-ambjenti jew il-habitats naturali ta' valur għall-ispeċi li jistħoqqilhom jiġu ppreservati tista' wkoll tiġi definita bħala riżerva naturali. Din il-miżura għandha tikkonsisti jew f'kumpens lis-sidien privati tal-art biex l-erja tal-art tinxtara, jew inkella jingħata kumpens minħabba r-restrizzjonijiet ikkawżati mill-protezzjoni formali. Id-Deċiżjoni li tiġi stabbilita riżerva naturali għandha tispeċifika r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-użu tal-art u ż-żoni bl-ilma meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tar-riżerva.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 1: Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis

Din ir-riforma għandha tobbliga lill-fornituri tal-fjuwils biex iħalltu bijofjuwils sostenibbli fil-petrol, fid-diżil u fil-fjuwils tal-ġettijiet. Din hija mistennija li tikkontribwixxi għall-oġġettiv klimatiku tal-Iżvezja li ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2045, peress li tippromwovi fjuwils rinnovabbli għall-istokk eżistenti ta' vetturi konvenzjonali u ta' inġenji tal-ajru. L-obbligu ta' tnaqqis għall-fjuwil tal-ġettijiet ġie introdott fl-1 ta' Lulju 2021 u jirrikjedi li l-fornituri gradwalment inaqqsu l-emissjonijiet mill-fjuwil tal-ġettijiet, billi jibdw minn 0,8 % fl-2021 sa 27 % fl-2030. Mill-1 ta' Awwissu 2021 il-kwoti ta' tnaqqis żdiedu għall-petrol u għad-diesel. Il-kwoti għandhom jiżdiedu gradwalment minn 6 % fl-2021 għal 28 % fl-2030 għall-petrol u minn 26 % fl-2021 għal 66 % fl-2030 għad-diesel. Il-bijofjuwils li jintużaw biex jissodisfaw l-obbligu għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29, 30 u 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII) u r-regoli dwar il-bijofjuwils bbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati adottati skont din id-Direttiva.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

Riforma 2: It-tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi

Din il-miżura għandha tneħħi gradwalment it-tnaqqis eżistenti tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwils ikkunsmati għat-tisħin jew it-tħaddim ta' magni stazzjonarji. Hija mistennija li tikkontribwixxi għall-oġġettiv tal-klima tal-Iżvezja biex issir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2045. Is-setturi li għandhom jiġu inklużi f'din il-miżura huma l-manifattura kif ukoll l-attivitajiet agrikoli professjonali, tal-forestrija u tal-akkwakultura.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha tilesta gradwalment u tibda billi tnaqqas b'50 % l-vantaġġ fiskali sat-30 ta' Settembru 2021 u tintemm billi tneħħi kompletment it-tnaqqis tat-taxxa sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma 3: Ir-rati ta' benefiċċju taxxabbli aġġustati għall-karożżi tal-kumpaniji

Din il-miżura, b'aġustament fir-rati ta' benefiċċju taxxabbli għall-karożżi tal-kumpaniji, għandha taġġusta l-ispejjeż relattivi sabiex dawn jirriflettu aħjar l-ispejjeż tas-sjeda privata ta' karozza. F'ħafna każijiet ir-riforma hija mistennija twassal għal żieda fil-valur tal-benefiċċji taxxabbli, li żżid l-ispiża biex persuna jkollha karozza tal-kumpanija. Ir-riforma għandha l-għan li tagħmel is-sistema tat-taxxa newtrali bejn il-benefiċċji tal-karożżi u s-salarji fi flus. Indirettament, ir-riforma tindirizza wkoll l-isfida identifikata mill-awtoritajiet Żvediżi, jiġifieri li s-sistema tat-taxxa Żvediża tiffavorixxi l-karożżi li jaħdmu bil-fjuwils fossili fuq prodotti u servizzi oħra.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tax-xenarju bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
1	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T1: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju bi 300 000 tunnellata		Emissjonijiet ta' CO ₂ ġodda jew it-tnaqqis ekwivalenti ta' CO ₂	0	300 000	Q4	2021	L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandha tagħti proġetti li għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u li b'kollox għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju bi 300 000 tunnellata addizzjonali fis-sena fuq perjodu mistenni ta' 16-il sena.
2	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T2: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'240 000 tunnellata		Emissjonijiet ta' CO ₂ ġodda jew it-tnaqqis ekwivalenti ta' CO ₂	300 000	540 000	Q4	2022	L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandha tagħti proġetti li għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u li b'kollox għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'240 000 tunnellata addizzjonali fis-sena fuq perjodu mistenni ta' 16-il sena.
3	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T3: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'140 500 tunnellata		Emissjonijiet ta' CO ₂ ġodda jew it-tnaqqis ekwivalenti ta' CO ₂	540 000	680 500	Q4	2023	L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandha tagħti proġetti li għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u li b'kollox għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju bi 140 500 tunnellata addizzjonali fis-sena fuq perjodu mistenni ta' 16-il sena.
4	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T4: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'89 500 tunnellata		Emissjonijiet ta' CO ₂ ġodda jew it-tnaqqis ekwivalenti ta' CO ₂	680 500	770 000	Q4	2024	L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandha tagħti proġetti li għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u li b'kollox għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju bi 89 500 tunnellata addizzjonali fis-sena fuq perjodu mistenni ta' 16-il sena.
5	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T5: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-		Emissjonijiet ta' CO ₂ ġodda jew it-tnaqqis ekwivalenti ta'	770 000	785 000	Q4	2025	L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent għandha tagħti proġetti li għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u li b'kollox għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
			dijossidu tal-karbonju bi 15 000 tonnellata		CO ₂					karbonju bi 15 000 tonnellata addizzjonali fis-sena fuq perjodu mistenni ta' 16-il sena.
6	Investiment klimatiku fis-settur industrijali	Mira	L-għoti ta' proġetti li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju		L-għadd ta' proġetti mogħtija	0	100	Q4	2025	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet meta ammont kumulattiv ta' EUR 286,4 miljun ikun ingħata lil għadd kumulattiv ta' mill-inqas 100 proġett li (i) għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura u (ii) ikollhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju b'10 000 000 tonnellata addizzjonali ta' diossidu tal-karbonju fis-sena sal-2035 (meta l-proġetti jkunu kompletament operattivi). Il-kalkoli għandhom jiġu kkonfermati permezz ta' rapport indipendenti.
7	Effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' ordinanza li tistabbilixxi l-iskema ta' appoġġ għall-investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet	Tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021 l-ordinanza għall-iskema ta' appoġġ għall-investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet.				Q4	2021	Tidħol fis-seħħ l-ordinanza li tistabbilixxi l-iskema ta' appoġġ għall-investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet. L-iskema ta' appoġġ għandha tagħti appoġġ lil investimenti li jiksibu tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fid-domanda għall-enerġija primarja fil-livell ta' bini.
8	Effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet	Mira	Ġew rinnovati 600 000 metru kwadru ta' bini.		Metri kwadri	0	600 000	Q4	2025	Ġew rinnovati 600 000 metru kwadru ta' bini. L-unità tal-kejl hija Atemp, li huwa terminu li jiddefinixxi l-ispazju tal-art tal-bini li fuqu jenħtieġ li tkun ibbażata l-prestazzjoni enerġetika. Atemp hija definita bħala l-erja tal-art tas-sulari kollha, is-sular attiku u l-basement b'żoni b'temperatura kkontrollata li huma maħsuba biex jissaħħnu aktar minn 10 C u li jaqgħu ġewwa l-involukru tal-bini. Iż-żona okkupata minn ħitan interni jew fetħiet għal taraġ, xaftijiet u affarijiet oħra simili huma inklużi.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
										Madankollu, mhijiex inkluża ż-żona tal-garaxxijiet f'binjiet residenzjali jew f'binjiet mhux residenzjali, li ma jkunux garaxx.
9	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	Mas-60 km ta' linji ferrovjarji ttejbu jew ġew imtejba		Kilometri	0	60	Q4	2021	Għandu jitlesta t-titjib, inkluż fl-infrastruttura ferrovjarja fejn jinġemgħu u jinqalbu l-linji l-ferroviji bejn Gävle u Åänge fuq distanza ta' 60 kilometru.
10	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	Mal-40 km ta' linji ferrovjarji ttejbu jew ġew imtejba		Kilometri	60	100	Q4	2022	Għandu jitlesta t-titjib, inkluż fl-infrastruttura ferrovjarja fejn jinġemgħu u jinqalbu l-linji l-ferroviji bejn Västeråsby u Långsele fuq distanza ta' 40 kilometru.
11	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	L-iskambju, l-aġġornament u l-konnessjoni ta' 160 faċilità għall-protezzjoni tat-toroq		L-għadd ta' faċilitajiet ġodda/imtejba għall-protezzjoni tat-toroq	0	160	Q4	2023	Ġew mibdula u/jew imtejba mill-inqas 160 faċilità għall-protezzjoni tat-toroq, u dan għandu jinkludi miżuri biex titjib u tiżdied is-sikurezza u tinkiseb affidabbiltà operattiva ogħla. Il-faċilitajiet għandhom jiġu aġġornati u sostitwiti b'sistema moderna b'teknoloġija ġdida li jkollha protezzjoni aħjar kontra l-intrużjoni. Il-mod kif jitwettagħ ix-xogħol huwa ddeterminat mid-disinn u l-ħtiġijiet tas-sit. Il-biċċa l-kbira tal-faċilità l-antika se tiġi sostitwita b'teknoloġija ġdida.
12	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Stadju Importanti	Titjib tal-pont li jinsab f'Vänersborg	Il-bini ta' pont f'Vänersborg ġie ffinalizzat.	Kostruzzjoni ta' pont			Q1	2026	Il-pont għandu jiżgura traffiku kontinwu ferrovjarju permezz ta' Vänersborg billi jiġi sostitwit il-pont eżistenti b'binarju wieħed li jittella'. Il-pont il-ġdid għandu jiġi mmodernizzat u mgħammar b'sistemi moderni ta' kontroll li jżidu l-affidabbiltà.
13	Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi żieda fil-kwoti ta' tnaqqis fl-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-petrol u mid-	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi aktar kwoti ta' tnaqqis fl-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-petrol u mid-diesel, li tindika d-				Q3	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi żieda fil-kwoti ta' tnaqqis minħabba l-obbligu ta' tnaqqis li jirrikjedi li l-fornituri tal-fjuwils jħalltu gradwalment il-bijofjuwils fil-petrol u d-diesel.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
			diesel billi gradwalment l-fornituri tal-fjuwils jkunu obbligati jħalltu magghom il-bijofjuwils	dħul fis-seħħ						
14	Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi l-obbligu ta' tnaqqis mill-fjuwil tal-ġettijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi l-obbligu ta' tnaqqis mill-fjuwil tal-ġettijiet, li tindika d-dħul fis-seħħ				Q3	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' obbligu ta' tnaqqis li jirrikjedi li l-fornituri tal-fjuwils jħalltu l-bijofjuwils fil-fjuwils tal-ġettijiet. Il-fornituri tal-fjuwil tal-ġettijiet għandhom ikunu obbligati jnaqqsu gradwalment l-emissjonijiet mill-fjuwil tal-ġettijiet billi jhalltulhom il-bijofjuwils, billi jibdew inaqqsu l-emissjonijiet b'0,8 % fl-2021 sa 27 % fl-2030.
15	It-tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li parzjalment tabolixxi t-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Dispożizzjoni fil-liġi għall-abolizzjoni parzjali tat-tnaqqis tat-taxxa enerġetika fuq il-fjuwil f'ċerti setturi li tindika d-dħul fis-seħħ				Q3	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li għandha tabolixxi parzjalment it-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwils fl-industrija u l-agrikoltura, fil-forestrija u l-akkwakultura. Dan huwa l-ewwel wieħed minn żewġ passi biex jitneħħa t-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi. Dan l-ewwel pass għandu jkun tnaqqis ta' 50 % ta' vantaġġ fit-taxxa.
16	It-tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi biex jiġi abolit kompletament it-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Dispożizzjoni fil-liġi biex jiġi abolit kompletament it-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi, li tindika d-dħul fis-seħħ				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, ta' liġi li għandha tabolixxi kompletament it-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwils fl-industrija u l-agrikoltura, fil-forestrija u l-akkwakultura. Din hija t-tieni minn żewġ passi biex jitneħħa t-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi.
17	Ir-rati ta' benefiċċju taxxabbli aġġustati għall-karozzi tal-	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta r-rata ta' benefiċċju	Dispożizzjoni fil-liġi biex tiġi aġġustata r-rata ta'				Q3	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi biex tiġi aġġustata r-rata ta' benefiċċju taxxabbli għall-karozzi tal-kumpaniji, li għandha taġġusta r-rati ta' benefiċċji taxxabbli għall-

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
	kumpaniji		taxxabbli għall-karozzi tal-kumpaniji	benefiċċju taxxabbli għall-karozzi tal-kumpaniji, li tindika d-dħul fis-seħħ						karozzi tal-kumpaniji biex ikunu riflessi aħjar l-ispejjeż tal-karozzi privati, bil-għan li s-sistema tat-taxxa ssir newtrali bejn il-benefiċċji għall-karozzi u s-salarji fi flus, u b'hekk indirettament jiġi indirizzat il-preġudizzju eżistenti fis-sistema tat-taxxa favur karozzi li jaħdmu bil-fjuwils fossili fuq prodotti u servizzi oħra.
18	Il-protezzjoni formali tan-natura ta' valur	Mira	Finanzjament mogħti għall-protezzjoni tan-natura b'valuri naturali għoljin ta' bijodiversità		SEK miljun	0	2 500	Q4	2023	Mill-inqas SEK 2,5 biljuni għandhom jiġu żborżati lill-intrapriżi jew lill-individwi għax-xiri ta' art jew bħala kumpens għal restrizzjonijiet fuq l-użu tal-art li jkollha valur naturali għoli għall-bijodiversità, bil-għan li tkun protetta formalment. L-eżitu tal-investiment għandu jiġi ppreżentat f'rapport li għandu jiġi ppubblikat mill-Aġenzija Żvediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent. Ir-rapport għandu juri kemm tħallsu mill-fondi fl-2021-2023 bħala kumpens lis-sidien privati tal-art għax-xiri ta' erja ta' art jew bħala kumpens għar-restrizzjonijiet ikkawżati mill-protezzjoni formali. Ir-rappurtar għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-għadd ta' żoni formalment protetti u dwar iż-żona kollha protetta.

B. KOMPONENT 2: EDUKAZZJONI U TRANŻIZZJONI

Il-komponent “Edukazzjoni u tranżizzjoni” jinkludi riformi u investimenti biex jitjiebu l-opportunitajiet ta’ impjieg billi jżied il-kapital uman fost il-persuni qiegħda, biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni strutturali, b’mod partikolari l-adattament għal soċjetà dejjem aktar diġitali, permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol, biex tiżdied il-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol b’liġi modernizzata għall-protezzjoni tal-impjieg u b’possibbiltajiet ta’ tranżizzjoni akbar.

Il-komponent għandu l-għan li jagħti spinta lill-impjieg u l-produttività fit-tul billi jżid il-kapital uman tal-forza tax-xogħol u tiġi ssodisfata d-domanda. It-trasformazzjoni strutturali, b’mod partikolari t-tranżizzjoni diġitali, tpoġġi domandi fuq il-possibbiltajiet ta’ taħriġ mill-ġdid, meta l-forza tax-xogħol ma jkollhiex il-ħiliet mitluba mis-suq tax-xogħol.

Il-persuni b’diffikultajiet partikolari fis-suq tax-xogħol Żvediż huma dawk li twieldu barra mill-Unjoni, persuni li ma għandhomx edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, persuni akbar fl-età qiegħda u persuni b’diżabilità. Il-qgħad żdied matul il-kriżi. Il-komponent għandu l-għan li jikkontrobatti u jevita li n-nies joħorġu mill-forza tax-xogħol.

Bil-kriżi tal-COVID-19 għosfru ħafna opportunitajiet ta’ xogħol fis-settur tas-servizzi għaż-żgħażaġh jew għall-immigranti li waslu dan l-aħħar. Setturi bħas-saħħa, l-edukazzjoni jew l-ICT għandhom diffikultajiet biex isibu n-nies b’ġabra ta’ ħiliet xierqa. In-nuqqas ta’ ħiliet huwa ostaklu għat-tkabbir għan-negozji Żvediżi u jrażżan il-possibbiltà li tinżamm u tittejjeb il-kwalità tas-sistema ta’ protezzjoni soċjali.

Il-komponent jinkludi riformi u investimenti li jtejjbu l-possibbiltajiet ta’ tranżizzjoni, b’mod ġenerali u għall-persuni li spiċċaw qiegħda. Il-komponent għandu l-għan li jżid l-għadd ta’ postijiet ta’ studju, biex jipprovdi aktar opportunitajiet ta’ taħriġ, b’enfasi fuq it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għall-adulti. Barra minn hekk, għandu l-għan li jżid l-għadd ta’ postijiet fl-universitajiet u f’istituzzjonijiet oħra ta’ edukazzjoni għolja.

Il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, b’mod partikolari “jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet” (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019) u “jappoġġa l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet” (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2020).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Aktar postijiet ta’ studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti

L-għan ta’ dan l-investment għandu jkun biex aktar nies jiksbu taħriġ vokazzjonali f’livell ta’ edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u b’hekk ikunu jistgħu jsibu impjieg. L-investment huwa mistenni li jtejjeb l-adattament għas-suq tax-xogħol u jagħti spinta lill-impjieg fit-tul. Partijiet mill-inizjattiva fl-edukazzjoni vokazzjonali għall-adulti huma motivati mill-ħtieġa li jiġi offrut taħriġ lill-persuni fi ħdan il-kura tal-anzjani li jipparteċipaw fl-Inizjattiva tal-Kura tal-Anzjani, li hija parti mill-komponent 3.

Il-miżura għandha tirrinforza b’mod temporanju l-Ispinta għall-Għarfien eżistenti, li tipprovdi programmi vokazzjonali għall-adulti f’livell ta’ edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Tista’ tiġi kkombinata mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti jew mal-Iżvediż bħala t-tieni lingwa. Għandha tingħata prijorità lil individwi bl-akbar ħtieġa ta’ edukazzjoni, bħal persuni qiegħda jew individwi li kellhom ftit edukazzjoni. Il-korsijiet ta’ taħriġ huma mistennija li jingħataw primarjament minn fornituri tat-taħriġ privati, u dan jippermetti espansjoni u flessibbiltà b’ħeffa quddiem domandi ta’ taħriġ li qed jinbidlu.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2023.

Riforma 1: Livell ogħla ta' kumpens għat-taħriġ vokazzjonali flimkien mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa

L-għan ta' din ir-riforma għandu jkun biex jinħolqu inċentivi ekonomiċi għall-muniċipalitajiet biex joffru kombinazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ fil-lingwa Żvediża. Dan għandu jsir permezz ta' emendi fl-att legali rispettiv li jżidu l-ammont ta' kumpens mill-Istat għal dawn korsijiet ikkombinati. Dan huwa mistenni li jqassar il-perjodu ta' studju u jippermetti li l-parteċipanti jfittxu u jsibu impjieg aktar malajr. Din ir-riforma għandha tappoġġa l-Investment 1 u hija mistennija żżid l-għadd ta' postijiet ta' studju għall-grupp fil-mira, b'mod partikolari adulti mingħajr edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u ħiliet lingwistiċi adegwati.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Settembru 2020.

Investiment 2: Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja

L-għan ta' dan l-investment għandu jkun biex jitjiebu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-prospetti ta' tranżizzjoni biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol matul u wara l-kriżi, u biex jitjiebu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol billi jżied l-għadd ta' postijiet fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja. L-investment huwa mistenni li jindirizza l-ħtiġijiet ta' tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol, fejn anke qabel il-kriżi kien hemm nuqqas ta' ħaddiema f'ħafna professjonijiet, b'mod partikolari fis-settur tal-protezzjoni soċjali, tad-data/tal-IT u tas-settur industrijali. Mad-59 % tal-postijiet ta' studju addizzjonali fl-Edukazzjoni Għolja Vokazzjonali huma mistennija li jkunu fl-oqsma tad-data/tal-IT jew li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali b'xi mod ieħor.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 3: Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja

L-investment għandu jiffoka fuq iż-żieda tal-edukazzjoni fl-universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja biex jiġu indirizzati l-isfidi fis-suq tax-xogħol. It-tnaqqis ekonomiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19 wassal għal żieda fil-qgħad fost individwi b'edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u ħafna minn dawn issa qed ifittxu edukazzjoni aktar għolja, bl-għadd ta' applikanti f'livelli rekord. L-attenzjoni għandha tkun fuq programmi mmirati lejn in-nuqqas tal-impjieg u li jippermettu t-taħriġ mill-ġdid u aktar studju. L-investment għandu jżid il-finanzjament tal-universitajiet u ta' istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja biex jippermetti numru akbar ta' studenti full-time (il-postijiet ta' studju), isaħħaħ is-soċjetà, jissodisfa l-ħtiġijiet tan-nies għat-taħriġ li jwassal għall-impjieg, jippermetti t-tranżizzjoni biex l-individwi jiġu mġhammra aħjar għas-suq tax-xogħol futur u jtejjeb il-benessri, u jagħti spinta lill-kompetittività tas-settur tan-negozju Żvediż. L-investment huwa mistenni li jiġġenera aktar impjieg, aktar produttività u jsostni l-provvista ta' forza tax-xogħol b'edukazzjoni tajba. Bħala medja 27 % tal-postijiet ta' studju addizzjonali huma mistennija li jżidu l-ħiliet diġitali jew li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali b'xi mod ieħor.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2: Att dwar il-protezzjoni tal-impjieg u aktar possibbiltajiet ta' tranżizzjoni

Ir-riforma għandu jkollha l-għan li tadatta l-protezzjoni attwali tal-impjieg biex ittejjeb kemm il-flessibbiltà kif ukoll il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol. Is-suq tax-xogħol Żvediż huwa maqsum dejjem aktar bejn persuni b'esperjenza professjonali u edukazzjoni twila u persuni mingħajr esperjenza professjonali u edukazzjoni qasira biss, li jsibuha aktar u aktar diffiċli biex isibu impjieg fit-tul. Huma meħtieġa aktar mobbiltà u aktar punti ta' dħul għal persuni f'pożizzjoni żvantaġġata. L-impjegaturi jeħtieġu aktar flessibbiltà u prevedibbiltà biex ikunu jistgħu jadattaw l-operazzjonijiet u jifilħu għall-kompetizzjoni, filwaqt li l-impjegati jeħtieġu protezzjoni adattata fis-suq tax-xogħol il-ġdid u t-titjib kontinwu tal-ħiliet u b'hekk impjegabbiltà akbar bħala fattur importanti tas-sigurtà. L-

objettiv tar-riforma għandu jkun li timmodernizza l-protezzjoni tal-impjiegi, filwaqt li żżomm il-bilanċ fundamentali bejn is-sħab soċjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tax-xenarju bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
19	Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T1: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall-adulti		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	0	1 000	Q4	2020	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2020 bi prijorità mogħtija lil individwi li għandhom bżonn l-aktar edukazzjoni f'konformita mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura, meta mqabbel mal-għadd ta' referenza ta' 34 000 post ta' studju annwali fl-2019. Il-postijiet ta' studju l-ġodda maħluqa għandhom iġibu l-għadd totali ta' postijiet ta' studju għal 35 000. Il-postijiet ta' studju huma definiti bħala postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time.
20	Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T2: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall-adulti		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	1 000	7 800	Q4	2021	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2021 bi prijorità mogħtija lil individwi li għandhom bżonn l-aktar edukazzjoni f'konformita mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura, meta mqabbel mal-għadd ta' referenza ta' 34 000 post ta' studju annwali fl-2019. Il-postijiet ta' studju l-ġodda maħluqa għandhom iġibu l-għadd totali ta' postijiet ta' studju għal 40 800. Il-postijiet ta' studju huma definiti bħala postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time.
21	Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T3: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall-adulti		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	7 800	15 700	Q4	2022	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2022 bi prijorità mogħtija lil individwi li għandhom bżonn l-aktar edukazzjoni f'konformita mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura, meta mqabbel mal-għadd ta' referenza ta' 34 000 post ta' studju annwali fl-2019. Il-postijiet ta' studju l-ġodda maħluqa għandhom iġibu l-għadd totali ta' postijiet ta' studju għal 41 900. Il-postijiet ta' studju huma definiti bħala postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time.
22	Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T4: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall-adulti		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	15 700	16 900	Q4	2023	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2023 bi prijorità mogħtija lil individwi li għandhom bżonn l-aktar edukazzjoni f'konformita mal-kriterji stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura, meta mqabbel mal-għadd ta' referenza ta' 34 000 post ta' studju annwali fl-2019. Il-postijiet ta' studju l-ġodda maħluqa għandhom iġibu l-għadd totali ta' postijiet ta' studju għal 35 200. Il-postijiet ta' studju huma definiti bħala postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time.
23	Livell ogħla ta' kumpens għat-taħriġ vokazzjonali flimkien	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' livell ogħla ta' kumpens għat-	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi livell ogħla ta'				Q3	2020	Dħul fis-seħħ tal-liġi. Għandha tistabbilixxi rata ogħla ta' kumpens mill-Istat għall-korsijiet ta' taħriġ li jikkombinaw it-taħriġ vokazzjonali fil-kura tas-saħħa u

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
	mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa		taħriġ vokazzjonali flimkien mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa	kumpens għat-taħriġ vokazzjonali flimkien mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa, li tindika d-dħul fis-seħħ						soċjali kif ukoll it-taħriġ fil-lingwa Svediża.
24	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-educazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T1: Postijiet ta' studju ġodda fl-educazzjoni vokazzjonali postsekondarja		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	0	2 000	Q4	2020	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2020, meta mqabbel max-xenarju bażi ta' espansjoni ppjanat preċedentement għal 40 500 post ta' studju annwali fl-2020, li jirriżulta fl-għadd totali ta' 42 500 post ta' studju fir-raba' trimestru tal-2020. Il-miżura għandha tkun immirata lejn individwi b'educazzjoni sekondarja għolja jew ekwivalenti li jfittxu kwalifika professjonali. Is-segwitu tal-mira għandu jsir permezz tal-monitoraġġ tal-għadd totali ta' postijiet ta' studju ekwivalenti full-time fis-sena kkonċernata.
25	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-educazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T2: Postijiet ta' studju ġodda fl-educazzjoni vokazzjonali postsekondarja		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	2 000	6 300	Q4	2021	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2021 meta mqabbel max-xenarju bażi ta' espansjoni ppjanata preċedentement għal 42 500 post ta' studju annwali fl-2021, li jirriżulta f'għadd totali ta' 46 800 post ta' studju fir-raba' trimestru tal-2021. Il-miżura għandha tkun immirata lejn individwi b'educazzjoni sekondarja għolja jew ekwivalenti li jfittxu kwalifika professjonali. Is-segwitu tal-mira għandu jsir permezz tal-monitoraġġ tal-għadd totali ta' postijiet ta' studju ekwivalenti full-time fis-sena kkonċernata.
26	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-educazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T3: Postijiet ta' studju ġodda fl-educazzjoni vokazzjonali postsekondarja		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	6 300	11 000	Q4	2022	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2022 meta mqabbel max-xenarju bażi ta' espansjoni ppjanata preċedentement għal 44 000 post ta' studju annwali fl-2022, li jirriżulta f'għadd totali ta' 48 700 post ta' studju fir-raba' trimestru tal-2022. Il-miżura għandha tkun immirata lejn individwi b'educazzjoni sekondarja għolja jew ekwivalenti li jfittxu kwalifika professjonali. Is-segwitu tal-mira għandu jsir permezz tal-monitoraġġ tal-għadd totali ta' postijiet ta' studju ekwivalenti full-time

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
										fis-sena kkonċernata.
27	Aktar postijiet ta' studju annwali fl- edukazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T4: Postijiet ta' studju ġodda fl- edukazzjoni vokazzjonali postsekondarja		L-għadd ta' postijiet ta' studju ekwivalenti għal full-time	11 000	14 900	Q4	2023	L-għadd ta' postijiet ġodda ta' studju fl-2023 meta mqabbel max-xenarju bażi ta' espansjoni ppjanata preċedentement għal 45 300 post ta' studju annwali fl-2023, li jirriżulta f'għadd totali ta' 49 200 post ta' studju fir-raba' trimestru tal-2023. Il-miżura għandha tkun immirata lejn individwi b'edukazzjoni sekondarja għolja jew ekwivalenti li jfittxu kwalifika professjonali. Is-segwitu tal-mira għandu jsir permezz tal-monitoraġġ tal-għadd totali ta' postijiet ta' studju ekwivalenti full-time fis-sena kkonċernata.
28	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T1: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja		L-għadd ta' studenti rreġistrati ekwivalenti għal full-time	0	9 000	Q4	2021	Mad-9 000 student addizzjonali rreġistrati bħala full-time fi kwalunkwe kors mogħti mill-università ekwivalenti għal full-time matul is-semestru attwali meta mqabbel max-xenarju bażi ta' 300 400 student irreġistrati għas-sena kollha fl-2019, li jirriżultaw f'għadd totali ta' 309 400 student full-time fir-raba' trimestru tal-2021.
29	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T2: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja		L-għadd ta' studenti rreġistrati ekwivalenti għal full-time	9 000	19 000	Q4	2022	Mal-10 000 student addizzjonali rreġistrati bħala full-time fi kwalunkwe kors mogħti mill-università ekwivalenti għal full-time matul is-semestru attwali meta mqabbel max-xenarju bażi ta' 300 400 student irreġistrati għas-sena kollha fl-2019, li jirriżultaw f'għadd totali ta' 310 400 student full-time fir-raba' trimestru tal-2022.
30	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T3: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja		L-għadd ta' studenti rreġistrati ekwivalenti għal full-time	19 000	25 000	Q4	2023	Mas-6 000 student addizzjonali rreġistrati bħala full-time fi kwalunkwe kors mogħti mill-università ekwivalenti għal full-time matul is-semestru attwali, għall-2023, meta mqabbel max-xenarju bażi ta' 300 400 student irreġistrati għas-sena kollha fl-2019, li jirriżultaw f'għadd totali ta' 306 400 student full-time fir-raba' trimestru tal-2023.
31	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T4: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja		L-għadd ta' studenti rreġistrati ekwivalenti għal full-time	25 000	30 600	Q4	2024	Mal-5 600 student addizzjonali rreġistrati bħala full-time fi kwalunkwe kors mogħti mill-università ekwivalenti għal full-time matul is-semestru attwali meta mqabbel max-xenarju bażi ta' 300 400 student irreġistrati għas-sena kollha fl-2019, li jirriżultaw f'għadd totali ta' 306 000 student full-time fir-raba' trimestru tal-2024.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
32	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T5: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja		L-għadd ta' studenti rreġistrati ekwivalenti għal full-time	30 600	35 900	Q4	2025	Mal-5 300 student addizzjonali rreġistrati bħala full-time fi kwalunkwe kors mogħti mill-università ekwivalenti għal full-time matul is-semestru attwali meta mqabbel max-xenarju bażi ta' 300 400 student irreġistrati għas-sena kollha fl-2019, li jirriżultaw f'għadd totali ta' 305 700 student full-time fir-raba' trimestru tal-2025.
33	Att dwar il-protezzjoni tal-impjegi u aktar possibbiltajiet ta' tranżizzjoni	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi biex tiġi mmodernizzata l-protezzjoni tal-impjegi u biex jissaħħu l-possibiltajiet ta' tranżizzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi aktar protezzjoni tal-impjegi u possibbiltajiet ta' tranżizzjoni għall-impjegati, li tindika d-dħul fis-seħħ.				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, tal-emendi leġiżlattivi tal-atti leġiżlativi rilevanti, inklużi b'mod partikolari l-att dwar il-protezzjoni tal-impjegi u l-liġijiet il-ġodda proposti dwar il-finanzjament tal-istudenti fi tranżizzjoni u t-tranżizzjoni bażika u l-appoġġ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol. L-oġettiv tal-pakkett leġiżlattiv huwa li jagħti aktar flessibbiltà u prevedibbiltà lill-impjegaturi sabiex jadattaw l-attivitajiet tagħhom, jikkompetu, u jadattaw il-protezzjoni tal-impjegati għas-suq tax-xogħol il-ġdid, fejn is-sigurtà tikkonsisti fi żvilupp kontinwu tal-ħiliet, u b'hekk tissaħħaħ l-impjegabbiltà. It-tieni, l-impjegati jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jirċievu appoġġ għal tranżizzjoni bażika u għall-ħiliet biex jiffaċilitaw l-aġġustament għal impjieg ġdid. It-tielet, l-iskema l-ġdida għall-istudenti ta' finanzjament għal tranżizzjoni u taħriġ mill-ġdid għandha l-għan li tiffaċilita opportunità għall-impjegati biex jieħdu sehem fit-tagħlim tul il-ħajja, biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol waqt il-karrieri tagħhom.

C. KOMPONENT 3: KUNDIZZJONIJIET AĦJAR BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-ISFIDI DEMOGRAFIĊI

Dan il-komponent fih riformi li għandhom l-għan li jżidu l-età tal-irtirar medja, isaħħu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, itejbu l-ħiliet tal-persunal li jaħdem fiċ-ċentri tal-kura tal-anzjani, u jsaħħu s-superviżjoni u l-infurzar tas-sistema finanzjarja fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

L-Iżvezja identifikat għadd ta' sfidi rigward il-kura fit-tul, id-demografija (li mistennija li jkollha implikazzjonijiet baġitarji fit-tul), kif ukoll kwistjonijiet rigward il-mekkaniżmi ta' infurzar għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu.

L-ewwel nett, hemm bżonn li tittejjeb il-kwalità tas-sistema tal-kura fit-tul. Riforma li tindirizza dan l-oġettiv tikkonċerna r-regolamentazzjoni tar-rikonossiment professjonali tal-assistenti infermieri, u hija kkomplementata mill-aġġornament tal-kapital uman għall-indoktrinati li jiġu impjegati mill-muniċipalitajiet fiċ-ċentri tagħhom, permezz tar-rimborżi tal-ispejjeż relatati mat-taħriġ ulterjuri tagħhom matul is-sigħat tax-xogħol imħallsa.

It-tieni, l-età medja tal-irtirar jenħtieġ li tiżdied fl-istess ħin bħal kif is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi jenħtieġ li titjieb fid-dawl taż-żieda fl-istennija medja tal-għomor u t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Il-komponent jindirizza din l-isfida billi jinkludi riforma li kienet teżisti minn qabel li torbot l-età tal-irtirar ma' punt ta' riferiment (allinjat mal-istennija tal-għomor medja) kif ukoll billi jaġġusta l-limiti tal-età paralleli fis-sistema tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

It-tielet, l-isforzi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jenħtieġ li jiżdiedu. L-Iżvezja kienet diġà imponiet għadd ta' miżuri, u l-komponent iżid ma' dawn il-miżuri ż-żewġ proposti ta' riforma: (1) Inkjesta pubblika dwar l-effettività tal-istruttura istituzzjonali superviżorja fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus bi proposti għal titjib dwar kif tista' tiġi kondiviża aħjar l-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet privati u daww pubbliċi; (2) Id-dħul fis-seħħ ta' abbozz ta' liġi biex jingħata aċċess għal *data* dwar kontijiet bankarji u kaxex ta' sikurezza għad-depożiti lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha.

Il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, b'mod partikolari "jiffoka l-investment relatat mal-politika ekonomika fuq l-educazzjoni u l-ħiliet" (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019), "jiżgura superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus" (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019) u "jtejjeb l-effettività tas-superviżjoni kontra l-ħasil tal-flus u jinforza b'mod effettiv il-qafas kontra l-ħasil tal-flus" (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020), u "jsegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsahha l-investment (...) jiżgura r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa inkluż permezz ta' provvisti ta' prodotti mediċi importanti, l-infrastruttura u l-forza tax-xogħol" (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2020).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Inizjattiva għall-kura tal-anzjani

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb is-sett ta' ħiliet tal-persunal li jaħdem fiċ-ċentri tal-kura tal-anzjani. Dan għandu jikkonsisti fi żborżi tal-ispejjeż tas-salarji relatati mat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ tal-persunal (8000 parteċipant minn gruppi differenti) matul is-sigħat tax-xogħol tagħhom. Il-Gvern ċentrali għandu jagħmel dawn l-iżborżi lill-muniċipalitajiet, li huma responsabbli mill-kura tal-anzjani.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 1: Regolamentazzjoni tat-titolu professjonali għall-assistenti infermieri

Din ir-riforma għandha tindirizza n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali fir-rigward tal-ħiliet u/jew l-edukazzjoni meħtieġa għat-titolu rikonossut ta' assistent infermier. Għandha tidħol fis-seħħ proposta leġislattiva sat-30 ta' Settembru 2023 li tindika l-ħiliet edukattivi u/jew il-ħiliet korrispondenti meħtieġa minn persuni li jfittxu l-grad ta' assistenti infermieri. Perjodu tranżitorju ta' 10 snin għandu jiġi stipulat (mistenni li jintemm fl-2033) biex l-impjegati li bħalissa għandhom il-kariga jkunu jistgħu japplikaw għaċ-ċertifikat ta' rikonossiment u jirċevuh. Ir-risultati mistennija wara l-implimentazzjoni tar-riforma huma l-protezzjoni legali għall-professjoni ta' assistent infermier u servizzi ta' kwalità u sikurezza akbar fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa u fis-settur tal-kura fit-tul.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Riforma 2: Limiti tal-età aġġustati

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tizzied l-età tal-irtirar medja u li titjieb aktar is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi permezz ta' żidiet gradwali fl-età tal-irtirar, riflessi fl-aġġustamenti tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa. Diversi limiti tal-età għandhom jiġu aġġustati progressivament mill-2023 'l quddiem, b'mod partikolari b'żieda fl-età minima għat-tnaqqis tal-benefiċċji tal-pensjoni, minn 62 għal 63 sena, u l-età minima għal meta tista' titħallas l-protezzjoni bażika lill-pensjonanti tgħaddi minn 65 għal 66 sena. Sussegwentement, mill-2026, il-limiti tal-età tal-irtirar għandhom ikunu marbuta ma' età ta' referenza allinjata mal-istennija tal-għomor medja. Il-limiti tal-età għas-sistemi tas-sigurtà soċjali, tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu aġġustati kif xieraq, biex jippermettu provvista akbar ta' ħaddiema, u dħul oġġla mit-taxxa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 3: Miżuri aktar b'saħħithom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

Ġiet organizzata inkjesta pubblika sabiex jitwettqu żewġ kompiti. L-ewwel nett, li jiġu pprovduti proposti għal emendi leġislattivi għal miżuri aktar stretti u aktar effettivi kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu. It-tieni, biex tiġi vvalutata l-effettività tal-Awtorità Superviżorja Finanzjarja Żvediża f'termini ta' riżorsi, ta' persunal u ta' kontroll tal-gvern fost l-oħrajn, kif ukoll l-effettività tal-istruttura istituzzjonali tas-sistema superviżorja kollha kemm hi. Ġiet ppreżentata proposta lill-gvern fil-31 ta' Mejju 2021 (SOU 2021: 42) u ntbagħtet għal konsultazzjoni pubblika li għalqet fis-16 ta' Settembru 2021. Ir-risultati tal-inkjesta pubblika għandhom jikkontribwixxu għal proposta tal-gvern u l-leġislazzjoni rilevanti għandha tiġi adottata u tidħol fis-seħħ.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 4: Kont tal-bank ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti

Din ir-riforma tikkonċerna l-għoti ta' aċċess għal *data* relatata mal-identitajiet tad-detenturi tal-kont bankarju u tal-kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti lill-awtoritajiet rilevanti (l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, l-Aġenzija tat-Taxxa, l-Awtorità ta' Infurzar, l-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi) sabiex jiżiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu: Id-*data* dwar il-bilanċ u l-istorja tat-tranżazzjoni ma għandhiex tkun koperta b'din il-miżura. Tali informazzjoni għandha tkun disponibbli fuq pjattaforma ġestita mill-Awtorità tat-Taxxa Żvediża. Il-proposta leġislattiva (Prop. 2019/20:83) kellha tintbagħhat lil Riksdag fil-11 ta' Frar u tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Settembru 2020 (2020:272); il-konnessjoni ta' madwar 150 istituzzjoni finanzjarja u aġenzija kompetenti għandha titwettaq mill-Aġenzija Żvediża tat-Taxxa u hija mistennija li titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Settembru 2020.

Riforma 5: L-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tistabbilixxi l-mandati jew l-inkarigi legali rilevanti tal-awtoritajiet involuti fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-RPP Żvediż b'mod effiċjenti u effettiv li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241. Sabiex tiġi żgurata sistema ta' kontroll intern adegwata u funzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRF, l-emendi leġislattivi li ġejjin għandhom ikunu daħlu fis-seħħ qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għal pagament lill-Kummissjoni.

1) Emendi fir-regolamenti applikabbli u l-inkarigi tal-entitajiet governattivi kollha li huma involuti fl-aspetti operazzjonali tal-implimentazzjoni tal-RRP skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 22 u 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/241;

2) Id-dħul fis-seħħ tal-mandati formali kollha biex jitwettqu l-kompiti assoċjati tal-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) bħala l-awtorità tal-awditjar responsabbli mill-monitoraġġ ġenerali tal-iżborżi u l-użu tal-RRF, bid-dritt li tiġbor informazzjoni dwar l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri, jiġifieri l-aċċess għad-data fil-livell tal-korpi ta' implimentazzjoni u d-dritt għall-awditjar, inkluż l-aċċess għal data dwar ir-riċevituri finali f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ESV għandha tkun l-awtorità tal-awditjar kompetenti li tiċċentralizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha tal-awditjar kif ukoll li titlob l-informazzjoni meħtieġa biex twettaq dawn ir-responsabbiltajiet. Barra minn hekk, il-gvern għandu jiddeċiedi dwar il-mandati ta' awtoritajiet speċifiċi responsabbli mill-aspetti ta' eżekuzzjoni tal-RRF biex jirrapportaw dwar l-oġettivi u l-kisbiet rispettivi tal-istadji importanti u l-miri lill-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) u lill-kapaċità ċentrali ta' koordinazzjoni fl-uffiċċji tal-gvern (il-Ministeru tal-Finanzi), biex jipprovdu dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u jippermettu awditi mill-ESV u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti mill-Unjoni;

3) Id-dħul fis-seħħ tal-mandati formali kollha flimkien mal-allokazzjoni baġitarja meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti assoċjati mill-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) dwar l-awditjar.

Id-deċiżjonijiet meħtieġa fil-punt 1) jistgħu jiġu speċifikati kif ġej:

- Il-Gvern għandu jiddeċiedi dwar l-inkarigi mogħtija lill-awtoritajiet li ġejjin biex jirrapportaw dwar l-istadji importanti u l-miri rispettivi tagħhom, jissottomettu dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u jippermettu awditi mill-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) u biex jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti mill-Unjoni:
 1. il-Bord Nazzjonali tad-Djar, il-Bini u l-Ippjanar,
 2. l-Aġenzija għall-Gvern Diġitali,
 3. l-Aġenzija Nazzjonali Żvediża għal Edukazzjoni Vokazzjonali Ogħla,
 4. l-Aġenzija Żvediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent,
 5. l-Awtorità Żvediża tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni,
 6. il-Bord Nazzjonali tas-Saħħa u l-Protezzjoni Soċjali
 7. l-Aġenzija Żvediża tal-Enerġija,
 8. l-Aġenzija Nazzjonali Żvediża għall-Edukazzjoni,
 9. l-Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport, u
 10. l-inkarigu ta' awtorità fil-qasam tal-edukazzjoni

Il-Gvern biħsiebu jagħmel ftehimiet dwar il-kundizzjonijiet emendati ma' Chalmers University of Technology u Jönköping University.

- Ir-regolamenti u l-inkarigi li ġejjin għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu ssupplimentati skont ir-rekwiżiti fl-Artikolu 22(2), il-punti (e) u (f) kif ukoll l-Artikolu 34(2) tar-Regolament

(UE) 2021/241. Barra minn hekk, ir-regolamenti għandhom jiġu ssupplimentati b'tali mod li jagħtu lill-ESV ir-responsabbiltà li ssegwi l-pagamenti u li titlob l-informazzjoni meħtieġa mir-riċevituri ta' għotjiet mill-Istat skont ir-regolamenti:

1. ir-Regolament (2017:1319) [föörordningen om statligt stöd till åtgärder som bidrar till industrins klimatomställning],
2. ir-Regolament (2015:517) [föörordningen om stöd till lokala klimatinvesteringar],
3. ir-Regolament (2019:525) [föörordningen om statligt stöd för installation av laddningspunkter för elfordon],
4. ir-Regolament futur [föörordning om stöd till energieffektivisering av bostadshus (bereds för närvarande)],
5. ir-Regolament (2020:266) [föörordningen om statligt stöd för utbyggnad av bredbandsinfrastruktur],
6. ir-Regolament (2016:881) [föörordningen om statligt investeringsstöd för hyresbostäder och bostäder för studerande],
7. ir-Regolament (2016:937) [föörordningen om statsbidrag för regional yrkesinriktad vuxenutbildning],
8. ir-Regolament (2009:130) [föörordningen om yrkeshögskolan],
9. l-inkarigi li ġejjin għall-2022 u l-2023 dwar il-ħlas ta' għotjiet mill-Istat lill-muniċipalitajiet skont l-inizjattiva għall-kura tal-anzjani,
10. inkarigu/regolament għall-Aġenzija għall-Gvern Diġitali,
11. inkarigu ta' awtorità fil-qasam tal-edukazzjoni,
12. inkarigu/regolament għall-Aġenzija Żvediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent,
13. inkarigu/regolament għall-Bord Nazzjonali tas-Saħħa u l-Protezzjoni Soċjali, u
14. inkarigu/regolament għall-Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport

L-implimentazzjoni tar-rifroma kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tax-xenarju bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
34	Inizjattiva għall-kura tal-anzjani	Mira	Mal-1 500 parteċipant bdew l-edukazzjoni permezz tal-Inizjattiva tal-Kura tal-Anzjani		Għadd ta' parteċipanti	0	1 500	Q4	2021	Mill-inqas 1 500 membru tal-persunal tal-kura tal-anzjani (minn tliet gruppi funzjonali: l-assistenti infermieri, l-infermieri, il-kapijiet ta' unità) għandhom diġà jkunu bdew it-taħriġ edukattiv matul il-perjodu 2020-2021
35	Inizjattiva għall-kura tal-anzjani	Mira	Mat-8 000 parteċipant bdew l-edukazzjoni fil-qafas tal-Inizjattiva għall-Kura tal-Anzjani		Għadd ta' parteċipanti	1 500	8 000	Q4	2023	Mill-inqas 8 000 membru tal-persunal għall-kura tal-anzjani (minn tliet gruppi funzjonali: l-assistenti infermieri, l-infermieri, il-kapijiet ta' unità) għandhom diġà jkunu bdew it-taħriġ edukattiv matul il-perjodu 2020-2023.
36	Titolu professjonali protett tal-professjoni tal-assistenti infermieri	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tirregola t-titolu professjonali tal-assistenti infermieri	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kwalifika għat-titolu ta' assistent infermier hija ppubblikata fil-ġurnal uffiċjali u tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni				Q3	2023	Jidħol fis-seħħ l-att leġislativ dwar l-edukazzjoni meħtieġa għall-grad ta' infermiera tat-tieni livell, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż. Il-liġi għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kwalifika, kif ukoll perjodu tranżitorju ta' 10 snin biex l-impjegati li bħalissa għandhom l-impjeg jkunu jistgħu japplikaw għaċ-ċertifikat ta' rikonoxximent u jirċevuh.
37	Limiti tal-età aġġustati	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġislativi biex jiġu aġġustati l-limiti tal-età fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi l-limiti tal-età aġġustati fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa li jiġu ppubblikati fil-ġurnal uffiċjali				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ, wara li jiġu adottati mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġislativi li jżidu l-limiti tal-età fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa b'sena

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
				u jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni						
38	Limiti tal-età aġġustati	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' aġġustament awtomatiku tal-limiti tal-età fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa f'konformità ma' kemm jifdal tul ta' ħajja mill-età ta' 65 sena	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi konnessjoni bejn l-età tal-irtirar u l-età ta' referenza allinjata mal-istennija tal-għomor medja hija ppubblikata fil-ġurnal uffiċjali u tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni				Q2	2026	Id-dħul fis-seħħ, wara li jiġu adottati mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġiżlattivi li jorbtu l-limiti tal-età tal-irtirar ma' età ta' referenza allinjata mal-istennija tal-għomor medja
39	It-tisħiħ tal-miżuri kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi dwar miżuri aktar b'saħħithom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jistabbilixxu miżuri aktar effettivi kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġiżlattivi għal miżuri aktar effettivi kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu.
40	Kont tal-bank ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar kont bankarju ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' liġi li tagħti aċċess għal data relatata				Q3	2020	Id-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jagħti aċċess għal data relatata mal-identitajiet tal-kont tal-bank u tad-detenturi tal-kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti inkluż lill-prosekuturi pubbliċi.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
				mal-identitajiet tad-detenturi ta' kont bankarju u tal-kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti lill-awtoritajiet rilevanti daħlet fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni (1-10 ta' Settembru 2020).						
41	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti	Stadju Importanti	M1: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż l-istruttura tal-awditjar u tal-kontroll	Dħul fis-seħħ ta' mandati u inkarigi				Q4	2021	Il-Gvern għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-mandati/l-inkarigi tal-awtoritajiet rilevanti, kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-miżura, assenjati biex jiġi eżegwit l-RRP, u dwar deċiżjonijiet neċessarji oħra li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP b'mod effiċjenti u effettiv, li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/241.
42	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti	Stadju Importanti	M2: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż l-istruttura tal-awditjar u tal-kontroll	Dħul fis-seħħ ta' mandati u inkarigi				Q4	2021	Il-Gvern għandu jagħti lill-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) il-mandati/l-inkarigi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-RRP (il-ġbir ta' data dwar il-kisba ta' istadji importanti u ta' miri) u tar-rappurtar, apparti l-mandat tagħha ta' awtorità tal-awditjar.
43	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti	Stadju Importanti	M3: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż	Dħul fis-seħħ ta' mandati u inkarigi				Q4	2021	Il-Gvern għandu jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-mandati/l-inkarigi rilevanti tal-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) rigward l-awditjar.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
			l-istruttura tal- awditjar u tal-kontroll							

D. KOMPONENT 4: L-ESPANSJONI TAL-BROADBAND U D-DIĠITALIZZAZZJONI TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Żvediż fih investimenti li għandhom l-għan li jespandu l-infrastruttura diġitali tal-Iżvezja u li jagħmlu l-amministrazzjoni pubblika tagħha aktar effiċjenti u adatta għall-iskop billi jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni.

L-infrastruttura tal-broadband tal-Iżvezja hija kollox ma' kollox avvanzata sew. Madankollu, biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-gvern li l-Iżvezja kollha għandu jkollha aċċess għal broadband b'veloċità għolja sal-2025, hemm bżonn li tiżdied id-disponibbiltà b'mod partikolari f'żoni b'popolazzjoni baxxa, fejn il-mekkaniżmi tas-suq waħedhom ma jiżgurawx il-forniment ta' dawn is-servizzi. Iż-żieda fil-veloċità u d-disponibbiltà tal-konnessjonijiet tal-broadband għandha tappoġġa lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji biex jaħsdu l-benefiċċji ta' tranżizzjoni diġitali rapida.

Dan il-komponent għandu jinkludi wkoll investimenti f'infrastruttura diġitali mifruxa mal-amministrazzjoni kollha. Bħalissa, in-nuqqas ta' tali infrastruttura huwa rifless f'sett eteroġenju ta' oqfsa u standards differenti, li jfixxkel l-interoperabbiltà u b'hekk iżid ir-riskji għall-effiċjenza u s-sigurtà. L-investimenti inklużi f'dan il-komponent għandhom l-għan li jindirizzaw daww il-kwistjonijiet billi jistabbilixxu infrastruttura diġitali kondiviża.

Il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, b'mod partikolari "jiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq [...] is-setturi tat-teknoloġija avvanzati u innovattivi" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2020).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Infrastruttura diġitali konġunta tal-amministrazzjoni pubblika

L-investment, li għandu jiġi kkoordinat mill-Aġenzija Żvediża għall-Gvern Diġitali bl-involvement ta' aġenziji Żvediżi differenti, jikkonsisti fl-iżvilupp ta' servizzi diġitali ġodda u fl-aġġornament u l-immodernizzar ta' daww eżistenti, b'mod partikolari servizzi li jippermettu servizzi diġitali standardizzati tas-settur pubbliku għan-negozji u ċ-ċittadini bħall-posta diġitali, u servizzi ta' appoġġ li jippermettu l-iskambju u t-trattament tal-informazzjoni bħalma huma l-oqfsa ta' identità u ta' fiduċja. L-għan huwa li jinkisbu aktar effiċjenza u sigurtà fil-ġestjoni tad-data pubblika, filwaqt li ċ-ċittadini u n-negozji jiġu offruti soluzzjonijiet standardizzati fl-amministrazzjoni pubblika kollha. Il-fondi għandhom jiġu allokat i għal approprijazzjoni komuni li minnha għandhom jithallu għotjiet lill-awtoritajiet parteċipanti, sabiex jiġu meġhuna fl-iżvilupp u fl-istabbiliment ta' infrastruttura diġitali standardizzata u ta' soluzzjonijiet żviluppati b'mod konġunt. B'mod partikolari, l-investment għandu jikkonsisti f'qafas nazzjonali għad-data primarja, servizzi diġitali ġodda u mtejbja, kif ukoll servizzi ta' appoġġ għall-iskambju u t-trattament ta' informazzjoni u qafas komuni ta' fiduċja u sigurtà.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 2: L-espansjoni tal-broadband

Il-miżura għandha tiffinanzja appoġġ għall-espansjoni tal-konnettività tal-broadband fejn l-operaturi tas-suq ma jkunux jistgħu jespandu fuq bażi kummerċjali. L-appoġġ tal-gvern ċentrali għandu jkun ġestit mill-Awtorità Żvediża tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni, li għandha tittestja l-eliġibbiltà, tiddeċiedi dwar l-għotjiet, tagħmel pagamenti, u tissorvelja u timmonitorja l-implimentazzjoni. Għandu jiġi pprovdut appoġġ sa punt ta' konnessjoni, pereżempju bil-fibra, ("għal kull abitazzjoni") u għal infrastruttura b'kapacià ta' mill-inqas 1 Gbit/sek. Id-deċiżjoni ta' għotja għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà operazzjonali u l-obbligu għar-riċevitur tal-appoġġ

li jwassal il-konnessjoni broadband lill-utenti aħħarin fuq talba fi żmien tliet snin wara li jitlestha l-proġett (“l-abitazzjonijiet konnessi”). L-appoġġ għandu jkun teknoloġikament newtrali, dment li l-proġetti jikkonformaw mal-veloċitajiet mitluba.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tax-xenarju bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
44	Infrastruttura diġitali konġunta tal-amministrazzjoni pubblika	Stadju Importanti	Il-qafas nazzjonali għad-data bażika u l-infrastruttura diġitali pubblika konġunta ġie stabbilit u huwa operattiv	Ġew stabbiliti u huma operattivi qafas nazzjonali u infrastruttura diġitali pubblika konġunta għall-iskambju tal-informazzjoni elettronika sigura u effiċjenti u għall-aċċess għal data bażika fis-settur pubbliku				Q4	2023	Qafas nazzjonali għal data bażika (inizjalment li tkopri l-informazzjoni personali, korporattiva, ġeografika u dwar il-proprjetà) u infrastruttura diġitali pubblika konġunta, inklużi moduli għall-iskambju u t-trattament ta' informazzjoni, servizzi diġitali ġodda u oqfsa ta' fiduċja u sigurtà għall-iskambju sigur u effiċjenti ta' informazzjoni fis-settur pubbliku ġie stabbilit u huwa operattiv.
45	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T1: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)		Aċċess ġdid tal-broadband għall-binjiet	0	23 500	Q4	2021	Mill-inqas 23 500 binja addizzjonali ferm qrib ta' network b'kapaċità ta' mill-inqas 1 Gbit/sek (għal kull abitazzjoni) fi proġetti mogħtija. Prossimità assoluta tirreferi għall-binjiet li mhumiex konnessi ma' network ta' kapaċità għolja ħafna (eż. tal-fibra), iżda fejn tali network (eż. il-kejbil tal-fibra) ikun jinsab qrib il-binja.
46	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T2: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)		Aċċess ġdid tal-broadband għall-binjiet	23 500	41 900	Q4	2022	Mill-inqas 18 400 binja addizzjonali ferm qrib ta' network b'kapaċità ta' mill-inqas 1 Gbit/sek (għal kull abitazzjoni) fi proġetti mogħtija. Prossimità assoluta tirreferi għall-binjiet li mhumiex konnessi ma' network ta' kapaċità għolja ħafna (eż. tal-fibra), iżda fejn tali network (eż. il-kejbil tal-fibra) ikun jinsab qrib il-binja.
47	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T3: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)		Aċċess ġdid tal-broadband għall-binjiet	41 900	50 900	Q4	2023	Mill-inqas 9 000 binja addizzjonali ferm qrib ta' network b'kapaċità ta' mill-inqas 1 Gbit/sek (għal kull abitazzjoni) fi proġetti mogħtija. Prossimità assoluta tirreferi għall-binjiet li mhumiex konnessi ma' network ta' kapaċità għolja ħafna (eż. tal-fibra), iżda fejn tali network (eż. il-kejbil tal-fibra) ikun jinsab qrib il-binja.
48	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T4: Għadd addizzjonali ta'		Aċċess ġdid tal-broadband għall-	50 900	59 400	Q4	2024	Mill-inqas 8 500 binja addizzjonali ferm qrib ta' network b'kapaċità ta' mill-inqas 1 Gbit/sek (għal kull abitazzjoni)

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
			binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitant)		binjiet					f'proġetti mogħtija. Prossimità assoluta tirreferi għall-binjiet li mhumiex konnessi ma' network ta' kapaċità għolja ħafna (eż. tal-fibra), iżda fejn tali network (eż. il-kejbil tal-fibra) ikun jinsab qrib il-binja.
49	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T5: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitant)		Access għdid tal-broadband għall-binjiet	59 400	66 100	Q4	2025	Mill-inqas 6 700 binja addizzjonali ferm qrib ta' network b'kapaċità ta' mill-inqas 1 Gbit/sek (għal kull abitant) f'proġetti mogħtija. Prossimità assoluta tirreferi għall-binjiet li mhumiex konnessi ma' network ta' kapaċità għolja ħafna (eż. tal-fibra), iżda fejn tali network (eż. il-kejbil tal-fibra) ikun jinsab qrib il-binja.

E. KOMPONENT 5: INVESTIMENT GĦAT-TKABBIR U L-AKKOMODAZZJONIJIET

Dan il-komponent għandu jinkludi riformi u investimenti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-frizzjonijiet u jrawmu l-investimenti fis-suq tal-akkomodazzjonijiet.

Il-prezzijiet għoljin tal-abitazzjonijiet u d-dejn għoli assoċjat mal-unitajiet domestiċi ġew identifikati bħala żbilanċi makroekonomiċi fl-ekonomija Żvediża sa mill-bidu tal-proċedura għall-iżbilanċ makroekonomiku, li wasslu għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Ir-riformi u l-investimenti relatati mas-suq tal-akkomodazzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jżidu l-provvista tal-akkomodazzjonijiet fis-suq tal-kiri u tal-akkomodazzjonijiet għall-istudenti permezz ta' sussidji għall-bini, biex jitjiebu l-prerekwiżiti fil-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet, biex jitnaqqsu l-ostakli fil-proċeduri tal-permessi tal-kostruzzjoni, u biex titnaqqas it-taxxa fuq il-qligħ kapitali tal-akkomodazzjonijiet.

F'dan l-isfond, l-oġettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Żvediż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jkun li jikkontribwixxi għal żieda fil-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet u li jtejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjonijiet. Il-komponent fih investiment wieħed u ħames miżuri ta' riforma.

Il-miżuri ta' riforma relatati mas-suq tad-djar għandhom (1) jippermettu li l-partijiet ikkonċernati jipparteċipaw fil-proċess tal-ippjanar tal-kostruzzjoni, (2) jissimplifikaw u jżidu l-effiċjenza tal-qafas regolatorju għall-permessi tal-bini, (3) itejbu l-prerekwiżiti fil-kostruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet, (4) jgħollu l-limitu fuq il-qligħ kapitali differit, u (5) jabolixxu l-introjt kkkalkulat intaxxat fuq il-qligħ kapitali differit.

Il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, b'mod partikolari "jindirizza r-riskji relatati ma' dejn għoli tal-unitajiet domestiċi billi jnaqqas gradwalment it-tnaqqis tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax ipotekarju jew iżid it-taxxi fuq il-proprjetà rikorrenti. Jistimula l-investiment fil-kostruzzjoni residenzjali fejn hemm l-aktar nuqqas urġenti, b'mod partikolari billi jneħħi l-ostakli għall-kostruzzjoni. Itejjeb l-effiċjenza tas-suq tad-djar u jirrevedi t-tfassil tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2019).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Għajnuna għall-investiment għall-kiri u għall-akkomodazzjonijiet tal-istudenti

Il-miżura ta' investiment għandha l-għan li ttaffi n-nuqqas ta' akkomodazzjonijiet billi żżid il-provvista ta' abitazzjonijiet ġodda għall-kiri b'kera aktar baxxa apparagun ta' abitazzjonijiet ġodda mhux sussidjati. Flimkien mar-restrizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-introjt dawn l-abitazzjonijiet għandhom ikunu ekonomikament aċċessibbli għal għadd akbar ta' unitajiet domestiċi, u b'hekk tittaffa wkoll is-sitwazzjoni għall-individwi li jinsabu min-nofs 'l isfel fid-distribuzzjoni tal-introjt, l-istudenti jew in-nies li reġġu bdew jaħdmu. Is-sussidji tal-kostruzzjoni għandhom jitħallsu għall-abitazzjonijiet li għandhom jitlestew fl-2022 u fl-2023. Għandu jkun hemm diversi kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-grupp fil-mira jintlaħaq, jiġifieri, l-għajnuna għall-investiment hija kondizzjonali fuq kera massima filwaqt li sid il-kera ma jistax jirrifjuta li jikri lil kerrej prospettiv dar issussidjata għar-raġuni li l-introjt huwa baxx wisq, dment li l-persuna jew il-familja tkun f'pożizzjoni li tħallas il-kera. L-iskema ta' appoġġ għandha tagħti appoġġ lil investimenti li jiksibu tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fid-domanda għall-enerġija primarja f'livell ta' bini. Dan huwa mistenni li jikkonforma mal-esperjenza storika.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha tlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 1: Dritt privat ta' inizjattiva – l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-ippjanar taż-żoni

Il-miżura ta' riforma għandha l-għan li tqassar il-perjodi ta' ppjanar għat-tqassim taż-żoni, f'żoni fejn huwa permess il-bini. Meta r-riforma tidħol fis-seħħ, għandhom jingħataw aktar opportunitajiet lill-partijiet interessati bħas-sidien tal-proprietà, l-iżviluppaturi u l-bennejja biex jibdew u parzjalment iwettqu x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' pjaniġiet dettaljati ta' tqassim f'żoni. Il-muniċipalità għandha tinforma lill-parti kkonċernata li qed tagħmel it-talba dwar liema dokumentazzjoni tal-ippjanar hija meħtieġa għall-ippjanar iddettaljat, inklużi dawk id-dokumenti relatati mal-interessi nazzjonali, il-protezzjoni tal-bajjiet u s-saħħa u s-sikurezza. L-att dwar l-Ippjanar u l-Bini għandu jiġi rivedut biex jiċċara li, minkejja r-responsabbiltà aħħarija tal-muniċipalità, tista' titfassal proposta għal pjan dettaljat għat-tqassim taż-żoni mis-sidien tal-proprietà jew minn oħrajn li jieħdu l-inizjattiva li jipproponu pjan ta' kostruzzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 2: Qafas regolatorju simplifikat u effiċjenti għall-permessi tal-bini

Il-miżura ta' riforma għandha l-għan li tagħmel il-qafas regolatorju għall-permessi tal-bini aktar effettiv u effiċjenti. Il-miżura ta' riforma għandha tistabbilixxi (i) meta jkun meħtieġ li jkun hemm liċenzja jew obbligu ta' notifika għal tipi differenti ta' miżuri ta' kostruzzjoni, (ii) ma' liema regoli jenħtieġ li jkun hemm konformità sabiex jinkiseb il-permess, filwaqt li jiġi żgurat li l-obbligi tal-liċenzja ma jkunux aktar estensivi milli meħtieġ biex jiġu żgurati l-interessi tas-soċjetà u tal-ġirien (iii) il-bidliet meħtieġa fir-regoli proċedurali u (iv) li jitwettqu wkoll il-proposti l-oħra fir-regolamenti dwar l-ippjanar u l-kostruzzjoni u f'regolamenti oħra li jitqiesu ġustifikati, fuq il-bażi tal-analiżi u tat-talbiet tal-investigatur.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 3: Prerekwiżiti aħjar fil-kostruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet

Sabiex ikun hemm aktar prevedibbiltà u effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni u biex jiġu ffaċilitati l-proċessi li jistgħu jiġu ripetuti, il-Gvern ressaq fis-16 ta' Settembru 2021 proposta leġiżlattiva dwar il-kumpaniji ċċertifikati fil-proġetti tal-kostruzzjoni – proċess ta' kostruzzjoni aktar prevedibbli. Ir-riforma għandha timmodifika l-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini (SCS 2010:900) billi tintriduci attur ġdid fl-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini, kumpanija ċċertifikata fil-proġetti tal-kostruzzjoni ("Certifierade byggprojekteringsföretag – en mer förutsägbär byggprocess").

Kumpanija ċċertifikata fil-proġetti tal-kostruzzjoni għandu jkollha għarfien espert u esperjenza speċifiċi fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti tad-disinn għall-effettività u l-aċċessibbiltà kif ukoll rekwiżiti ta' proprietà teknika għall-kostruzzjoni ta' bini residenzjali li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti tal-gvern, u għandha tkun kapaċi tissostanza dan b'ċertifikat maħruġ minn korp akkreditat għal dan l-għan. Barra minn hekk, ir-riforma għandha tippermetti li żviluppatur ikun jista' juża kumpanija ċċertifikata fil-proġetti ta' kostruzzjoni fid-disinn ta' bini residenzjali ġdid. Jekk tintuża tali intrapriża, il-kumitat tal-bini ma għandux iqis ir-rekwiżiti koperti miċ-ċertifikazzjoni, la qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-permessi tal-bini u lanqas qabel l-avviżi tal-bidu. Għandu jkun fakultattiv għall-iżviluppatur li fil-proċess juża kumpanija ċċertifikata fil-proġetti ta' kostruzzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 4: Limitu massimu ogħla għall-ammont differit fit-taxxa fuq il-qligħ kapitali

Il-miżura għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għax-xiri ta' proprietà immobbli minn sidien ta' abitazzjonijiet privati, u b'hekk tiffaċilita l-akkomodazzjoni u l-mobilità tal-ħaddiema. L-ammont massimu ta' qligħ kapitali differit żdied minn SEK 1 450 000 għal SEK 3 000 000.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-1 ta' Lulju 2020, filwaqt li tapplika għall-bejgħ wara t-30 ta' Ġunju 2020.

Riforma 5: It-tneħħija tad-dħul ikkalkulat fuq il-qligħ kapitali differit

Il-miżura għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għat-tranżazzjonijiet tal-proprjeta immobbli mis-sidien ta' abitazzjonijiet privati, u b'hekk tiffaċilita l-akkomodazzjoni u l-mobbiltà tal-ħaddiema. Il-miżura tabolixxi l-introjt standard fuq il-qligħ kapitali differit. Qabel, il-qligħ kapitali differit kien soġġett għad-dħul standard ibbażat fuq ir-rata tal-imgħax stabbilita. Dan id-dħul standard kellu jiżdied mad-dħul taxxabbli u kien intaxxat bir-rata ta' 30 %.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-1 ta' Jannar 2021, u kellha tapplika għas-snin taxxabbli li jibdew wara l-31 ta' Diċembru 2020.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tax-xenarju bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
50	Appoġġ għall-investment għall-akkomodazzjonijiet għall-kiri u għall-istudenti	Mira	T1: Ħlas ta' appoġġ għal abitazzjonijiet ġodda lesti		Abitazzjonijiet ġodda lesti	0	1 500	Q4	2022	Statistika dwar il-pagamenti totali u l-għadd ta' abitazzjonijiet li saru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-grupp fil-mira jintlaħaq, jiġifieri, l-għajnuna għall-investment hija kondizzjonali fuq kera massima filwaqt li sid il-kera ma jistax jirrifjuta lil jikri lil kerrej prospettiv dar issussidjata għar-raġuni li l-introjt huwa baxx wisq, sakemm il-persuna jew il-familja tkun f'pożizzjoni li tħallas il-kera. Id-data dwar il-kirjiet għandha titqabbel ma' abitazzjonijiet ġodda mhux issussidjati.
51	Appoġġ għall-investment għall-akkomodazzjonijiet għall-kiri u għall-istudenti	Mira	T2: Ħlas ta' appoġġ għal abitazzjonijiet ġodda lesti		Abitazzjoni ġdida lesta	1 500	4 800	Q4	2023	Statistika dwar il-pagamenti totali u l-għadd ta' abitazzjonijiet li saru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-grupp fil-mira jintlaħaq, jiġifieri, l-għajnuna għall-investment hija kondizzjonali fuq kera massima filwaqt li sid il-kera ma jistax jirrifjuta lil jikri lil kerrej prospettiv dar issussidjata għar-raġuni li l-introjt huwa baxx wisq, sakemm il-persuna jew il-familja tkun f'pożizzjoni li tħallas il-kera. Id-data dwar il-kirjiet għandha titqabbel ma' abitazzjonijiet ġodda mhux issussidjati.
52	Dritt privat ta' inizjattiva - il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-ippjanar fl-ippjanar iddettaljat tal-iżvilupp	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar l-istabbiliment ta' dritt ta' inizjattiva privata	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi d-dritt privat ta' inizjattiva li tindika d-dħul fis-seħħ				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġislattivi li jinkludu (1) l-obbligu għall-muniċipalitajiet li jipprovdu informazzjoni dwar id-dokumentazzjoni tal-ippjanar meħtieġa għall-partijiet privati involuti fl-ippjanar tal-iżvilupp, (2) id-dritt għall-partijiet ikkonċernati li jiksibu l-lista ta' dokumenti li l-Bord Amministrattiv tal-Pajjiż iqis meħtieġa biex jiġġudika jekk l-ippjanar tal-iżvilupp jirrigwardax interessi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord Amministrattiv tal-Kontea, bħall-interessi nazzjonali, il-protezzjoni tax-xtut u tas-saħħa u s-sikurezza, kif ukoll (3) kjarifiki tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini biex d-dokumentazzjoni tal-ippjanar meħtieġa, meta jitħejja pjan ta' żvilupp dettaljat, tkun tista' tingħata wkoll minn

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
										oħrajn apparti l-muniċipalità.
53	Qafas regolatorju simplifikat u effettiv għall-permessi tal-bini u affarijiet oħra	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi qafas regolatorju simplifikat u aktar effettiv għall-permessi tal-bini	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi qafas regolatorju simplifikat u aktar effettiv għall-permessi tal-bini li tindika d-dħul fis-seħħ				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġiżlattivi għal qafas regolatorju simplifikat u effettiv għall-permessi tal-bini. L-obbligu ta' liċenzjar u r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati sabiex jinkiseb permess ma għandhomx ikunu aktar estensivi milli meħtieġ fl-interess tas-soċjetà u tal-ġirien.
54	Prerekwiżiti aħjar fil-konstruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi fl-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini, li jistabbilixxi l-kumpaniji iċċertifikati fil-proġetti tal-konstruzzjoni [Certifierade byggprjekteringsföretag – en mer förutsägar byggprocess], li jwasslu għal prerekwiżiti aħjar fil-konstruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tistabbilixxi prerekwiżiti aħjar fil-konstruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet, li tindika d-dħul fis-seħħ				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ, wara l-adozzjoni mill-Parlament Żvediż, ta' emendi leġiżlattivi fl-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini (SCS 2010:900) għandu jintroduċi attur ġdid, jiġifieri l-kumpanija li tkun iċċertifikata fil-proġetti tal-konstruzzjoni. L-użu ta' kumpanija bħal din fil-proċess tal-konstruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet għandu jissostitwixxi l-kontroll bikri tal-muniċipalità dwar jekk ir-regolamenti dwar il-bini koperti minn ċertifikazzjoni hux qed jiġu ssodisfati. L-għan huwa li jkun hemm aktar prevedibbiltà u effiċjenza fil-proċess tal-konstruzzjoni u li jiġu ffaċilitati l-proċessi ta' ripetizzjoni.
55	Limitu massimu ogħla għall-qligħ kapitali differit	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidla fil-liġi fiskali rilevanti li żżid il-limitu tal-qligħ	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li żżid il-limitu tal-qligħ				Q3	2020	Il-miżura ta' riforma għandha żżid l-ammont massimu differit tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali, minn SEK 1 450 000 għal SEK 3 000 000.

Numru	Miżura	Stadju Importanti/Mi ra	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Idikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Xenarju Bażi	Għan	Q	Sena	
			kapitali differit [minn SEK 1 450 000 għal SEK 3 000 000]	kapitali differit						
56	Dħul standard imnehi minn fuq qligħ kapitali differit	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidla fil-liġi fiskali rilevanti li tabolixxi d-dħul standard fuq il- qligħ kapitali differit	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis- seħħ tal-liġi li tabolixxi d-dħul standard fuq il-qligħ kapitali differit				Q1	2021	Il-miżura ta' riforma għandha tabolixxi d-dħul standard fuq il-qligħ kapitali differit għat-taxxa fuq l-introjt.

2. Spiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Isvezja hija ta' SEK 33 304 030 000, li hija ugwali għal EUR 3 289 286 914 abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE bejn l-EUR u l-SEK tat-28 ta' Mejju 2021.

TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-pagamenti msemija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-ewwel pagament parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
1	Investiment klimatiku lokali u reġionali	Mira	T1: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju bi 300 000 tunnellata
7	Effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' ordinanza li tistabbilixxi l-iskema ta' appoġġ għall-investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet
9	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	Mas-60 km ta' linji ferrovjarji ttejbu jew ġew imtejba
13	Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi żieda fil-kwoti ta' tnaqqis fl-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-petrol u mid-diesel billi gradwalment l-fornituri tal-fjuwils jkunu obbligati jħalltu magħhom il-bijofjuwils
14	Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi l-obbligu ta' tnaqqis mill-fjuwil tal-ġettijiet
15	It-tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li parzjalment tabolixxi t-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi
17	Ir-rati ta' benefiċċju taxxabli aġġustati għall-karozzi tal-kumpaniji	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta r-rata ta' benefiċċju taxxabli għall-karozzi tal-kumpaniji

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
19	Aktar postijiet ta' studju fl- edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T1: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall- adulti
20	Aktar postijiet ta' studju fl- edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T2: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall- adulti
23	Livell oġġla ta' kumpens għat-taħriġ vokazzjonali flimkien mal-lingwa Żvediża għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' livell oġġla ta' kumpens għat-taħriġ vokazzjonali flimkien mal-lingwa Żvediża għall- Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa
24	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T1: Postijiet ta' studju ġodda fl- edukazzjoni vokazzjonali postsekondarja
25	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T2: Postijiet ta' studju ġodda fl- edukazzjoni vokazzjonali postsekondarja
28	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall- edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T1: Studenti addizzjonali rreġistrati fl- edukazzjoni għolja
34	Inizjattiva għall-kura tal- anzjani	Mira	Mal-1 500 parteċipant bdew l- edukazzjoni permezz tal-Inizjattiva tal- Kura tal-Anzjani
40	Kont tal-bank ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar kont bankarju ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza għad-depożiti
41	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti	Stadju Importanti	M1: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż l-istruttura tal-awditjar u tal- kontroll
42	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u	Stadju Importanti	M2: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza,

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
	effiċjenti		inkluż l-istruttura tal-awditjar u tal-kontroll
43	Deċiżjonijiet tal-gvern biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti	Stadju Importanti	M3: Deċiżjonijiet tal-gvern li jiżguraw implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż l-istruttura tal-awditjar u tal-kontroll
45	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T1: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)
52	Dritt privat ta' inizzjattiva - il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-ippjanar fl-ippjanar iddettaljat tal-iżvilupp	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar l-istabbiliment ta' dritt ta' inizzjattiva privata
55	Limitu massimu ogħla għall-qligħ kapitali differit	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidla fil-liġi fiskali rilevanti li żżid il-limitu tal-qligħ kapitali differit minn SEK 1 450 000 għal SEK 3 000 000
56	Dħul standard imneħħi minn fuq qligħ kapitali differit	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidla fil-liġi fiskali rilevanti li tabolixxi d-dħul standard fuq il-qligħ kapitali differit
		L-ammont tal-pagament parzjali	EUR 1 098 663 704

1.2. It-tieni pagament parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
2	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T2: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'240 000 tunnellata
10	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	Mal-40 km ta' linji ferrovjarji ttejbu jew ġew imtejba
16	It-tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi biex jiġi abolit kompletament it-tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
21	Aktar postijiet ta' studju fl- edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T3: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għall- adulti
26	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T3: Postijiet ta' studju ġodda fl- edukazzjoni vokazzjonali postsekondarja
29	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall- edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T2: Studenti addizzjonali rreġistrati fl- edukazzjoni għolja
33	Att dwar il-protezzjoni tal- impjiegi u aktar possibiltajiet ta' tranżizzjoni	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi biex tiġi mmodernizzata l-protezzjoni tal- impjiegi u biex jissaħħu l-possibilitajiet ta' tranżizzjoni
46	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T2: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)
50	Appoġġ għall-investment għall-akkomodazzjonijiet għall-kiri u għall-istudenti	Mira	T1: Ħlas ta' appoġġ għal abitazzjonijiet ġodda lesti
54	Prerekwiżiti aħjar fil- kostruzzjoni tal- akkomodazzjonijiet	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi fl-Att dwar l- Ippjanar u l-Bini, li jistabbilixxi l- kumpaniji ċċertifikati fil-proġetti tal- kostruzzjoni [Certifierade byggprjekteringsföretag – en mer förutsägbär byggprocess], li jwasslu għal prerekwiżiti aħjar fil-kostruzzjoni tal- akkomodazzjonijiet
		L-ammont tal- pagament parzjali	EUR 709 738 272

1.3. It-tielet pagament parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
-------------------	--	------------------------	------

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
3	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T3: L-ġhoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b' 140 500 tunnellata
11	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Mira	L-iskambju, l-aġġornament u l-konnessjoni ta' 160 faċilità għall-protezzjoni tat-toroq
18	Il-protezzjoni formali tan-natura ta' valur	Mira	Finanzjament mogħti għall-protezzjoni tan-natura b'valuri naturali għoljin ta' bijodiversità
22	Aktar postijiet ta' studju fl-educazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti	Mira	T4: Postijiet ġodda ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-educazzjoni għall-adulti
27	Aktar postijiet ta' studju annwali fl-educazzjoni vokazzjonali għolja	Mira	T4: Postijiet ta' studju ġodda fl-educazzjoni vokazzjonali postsekondarja
30	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-educazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' educazzjoni għolja	Mira	T3: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-educazzjoni għolja
35	Inizjattiva għall-kura tal-anzjani	Mira	Mat-8 000 parteċipant bdew l-educazzjoni fil-qafas tal-Inizjattiva għall-Kura tal-Anzjani
36	Titolu professjonali protett tal-professjoni tal-assistenti infermieri	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tirregola t-titolu professjonali tal-assistenti infermieri
37	Limiti tal-età aġġustati	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex jiġu aġġustati l-limiti tal-età fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa
39	It-tisħiħ tal-miżuri kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzzjament tat-terroriżmu	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi dwar miżuri aktar b'saħħithom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzzjament tat-terroriżmu

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
44	Infrastruttura diġitali konġunta tal-amministrazzjoni pubblika	Stadju Importanti	Il-qafas nazzjonali għad- <i>data</i> bażika u l-infrastruttura diġitali pubblika konġunta ġie stabbilit u huwa operattiv
47	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T3: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)
51	Appoġġ għall-investment għall-akkomodazzjonijiet għall-kiri u għall-istudenti	Mira	T2: Ħlas ta' appoġġ għal abitazzjonijiet ġodda lesti
53	Qafas regolatorju simplifikat u effettiv għall-permessi tal-bini u affarijiet oħra	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi qafas regolatorju simplifikat u aktar effettiv għall-permessi tal-bini
		L-ammont tal-pagament parzjali	EUR 956 989 630

1.4. Ir-raba' pagament parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
4	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T4: L-għoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b'89 500 tonnellata
31	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T4: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja
48	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T4: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)
		L-ammont tal-pagament parzjali	EUR 223 562 469

1.5. Il-ħames pagament parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	Isem
5	Investiment klimatiku lokali u reġjonali	Mira	T5: L-ġhoti ta' proġetti li mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju b' 15 000 tunnellata
6	Investiment klimatiku fis-settur industrijali	Mira	L-ġhoti ta' proġetti li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju
8	Effiċjenza enerġetika f'binjiet b'ħafna abitazzjonijiet	Mira	Ġew rinnovati 600 000 metru kwadru ta' bini.
12	Appoġġ ferrovjarju msaħħaħ	Stadju Importanti	Titjib tal-pont li jinsab f'Vänersborg
32	Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja	Mira	T5: Studenti addizzjonali rreġistrati fl-edukazzjoni għolja
38	Limiti tal-età aġġustati	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' aġġustament awtomatiku tal-limiti tal-età fis-sistemi tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa f'konformità ma' kemm jifdal tul ta' ħajja mill-età ta' 65 sena
49	L-espansjoni tal-broadband	Mira	T5: Għadd addizzjonali ta' binjiet b'aċċess għall-broadband (għal kull abitazzjoni)
		L-ammont tal-pagament parzjali	EUR 299 562 314

TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Iżvezja għandhom isiru f'konformità mal-arranġamenti li ġejjin:

- Id-dipartiment internazzjonali u ekonomiku tal-Ministeru tal-Finanzi għandu jkun l-Awtorità ta' Koordinazzjoni u għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan kollu kemm hu. L-awtorità pubblika responsabbli għandha timmonitorja, tivverifika u tivvalida l-kisba tal-istadji importanti u tal-miri. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tħejji u tiffirma d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u tkun responsabbli wkoll mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tat-talbiet għal pagamenti lill-Kummissjoni Ewropea u għal pagamenti fil-livell nazzjonali.
- L-awtoritajiet pubbliċi (myndigheter) għandhom ikunu responsabbli mill-implimentazzjoni ta' miżuri individwali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Iżvezja. Huma għandhom jippreżentaw rapporti lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni u dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri.
- L-awtorità tal-awditjar ġenerali għandha tkun l-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV). L-awditi rikorrenti dwar l-effiċjenza, l-effettività u l-affidabbiltà tal-kontijiet jitwettqu regolarment mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (National Audit Office, NAO).

2. Arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data sottostanti

Sabiex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti, l-Iżvezja għandu jkollha fis-seħħ l-arranġamenti li ġejjin:

- Il-Ministeru tal-Finanzi għandu r-responsabbiltà ġenerali li jimplimenta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u huwa responsabbli f'isem l-entitajiet kollha tas-settur pubbliku dwar l-aspetti operazzjonali u amministrattivi tal-RRP. Sabiex tiġi żgurata konformità fl-implimentazzjoni tal-RRP, l-awtorità tal-awditjar globali hija l-Awtorità Nazzjonali Żvediża għall-Ġestjoni Finanzjarja (ESV), li tassisti lill-Ministeru tal-Finanzi fid-dmirijiet ġenerali tiegħu ta' koordinazzjoni. L-ESV hija responsabbli wkoll mill-ġbir tad-data għall-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u tal-miri mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-Ministeru tal-Finanzi (l-Awtorità ta' Koordinazzjoni) huwa responsabbli li jittratta u jiżgura tweġiba ċentrali għal talbiet għall-informazzjoni u għal aċċess għal data dwar ir-riċevituri finali. Il-ġbir u l-ħżin ta' din id-data huma żgurati mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RRP.
- F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, mat-tlestija tal-istadji importanti u l-miri rilevanti miftiehma fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, l-Iżvezja għandha tippreżenta talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni għall-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Iżvezja għandha tiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagamento, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagamento skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għall-finijiet ta' awditjar u kontroll.